L-Orizzont

LORNA VASSALLO

Data tal-Pubblikazzjoni: 9 ta' Jannar, 2004

# Ciklu politiku naturali

Id-dinja hija maghmula minn disinji ta' hsieb (*patterns*). Li l-mohh tal-bniedem jahdem b'certu *patterns* ghandu jinftiehem. Hekk tissawwar il-lingwa, l-etika, l-arti tax-xjenza. Wiehed jista' jhares lejn il-*patterns* tal-mohh bhala linja tal-ferrovija. Min jaqbez minnhom ma jkunx qed jimxi sewwa u l-izvilupp qieghed biss iservi biex itawwal dawn il-linji tal-ferrovija biex iwassluna iktar 'il boghod. Kull generazzjoni zzid iktar fit-tul tal-linja tal-ferrovija. Kollox ghandu l-linji tieghu. Izda kollox ukoll ghandu c-cikli tieghu jew ahjar mewg tieghu.

Il-*pattern*, ic-cikli jew il-mewg jezisti fil-mohh tal-bniedem – il-bniedem bhala bniedem wahdu. U kull bniedem ghandu mohh li jissielet biex jibqa' fuq il-linji. U kollox jimxi bhal arlogg.

Izda mbaghad dawn l-imhuh kollha xorta wahda, minbarra li l-linji taghhom stess ghandhom il-limiti esterni taghhom. Ghandhom arlogg iehor 'il fuq minnhom. Dak li jiddetermina c-cikli. L-arlogg tas-socjetà fit-totalità taghha. Ghalkemm kull individwu ghandu l-mohh tieghu, l-individwi kollha f'daqqa huma suggetti ghal mohh wiehed. Dan bhalma l-linji tal-ferrovija jistghu jaslu biss sa fejn tasal l-art u qatt ma jidhlu fil-bahar. U dak huwa l-limitu jew il-kundizzjonament ta' l-imhuh bhala totalità. Huma l-fruntieri tas-socjetà li tipprova timxi *en bloc* – f'daqqa. Dan il-fenomenu Gesù spjegah billi qal li ahna parti mill-Knisja bhalma l-partijiet tal-gisem huma parti mill-gisem. Jezistu individwalment izda ma jistghux jghixu minghajr il-gisem fit-totalità tieghu.

Is-socjetà *en bloc* (f'daqqa) timxi wara bhala gisem ghaliha u ghandha l-mohh taghha li jikkundizzjona l-mohh ta' l-individwi, iridu jew ma jridux u ghalkemm hafna jippruvaw jinjorawh – qieghed hemm xorta wahda.

U hemmhekk insibu c-cikli jew mewg li jigu determinati minn dan il-"mohh tas-socjetà" jew "l-arlogg il-kbir". B'hekk per ezempju, alavolja kulhadd huwa liberu fiz-zminijiet tal-lum hemm certu mohh li qed imexxi s-socjetà taghna, anke b'komplicità ma' l-ghatx tal-bniedem li jipprova jissottometti ruhu ghal-linji tal-ferrovija ta' zmienu (ghalkemm ma jafx u jghid li mhux hekk hu), kulhadd huwa vittma tal-moda – hi ta' liema tip hi – li tinbidel minn zmien ghal zmien. Moda fil-mod kif nghixu, nilbsu, inkantaw, niddevertu, insiefru, fejn nahdmu jew x'nitghallmu. Il-kundizzjonament li joffrilna l-arlogg il-kbir tas-socjetà nsejhulu 'moda' halli ma nisthux nimxu mieghu.

Il-politika hija xjenza tas-socjetà. U bil-mod il-mod qieghda nintebah kif bhal kull xjenza jew arti ohra hija mahkuma minn dawn ic-cikli. Ghal min qara l-artikli tieghi tal-gimghat li ghaddew bl-eccezzjoni ta' l-ahhar wiehed, ghadnu jintebah li dan l-artiklu mhux hlief il-prodott taghhom. Dawn l-artikli tkellmu – *prima facie* fuq proprjetà u livell ta' ghajxien tal-Maltin – izda jekk wiehed jahseb iktar fil-fond jinduna li konna qeghdin nitrattaw il-psikologija ta' generazzjonijiet shah ta' Maltin.

U minn generazzjoni ghal ohra nindunaw bic-cikli jew ahjar mewg li jiddeterminaw il-"mohh tas-socjetà". U mhux biss il-mohh. Fit-tliet artikli ta' qabel ta' l-ahhar tkellimna kif il-Maltin minn poplu fqir bil-mod il-mod sar poplu "sinjur" (bi klassi tan-nofs kbira). Dan kien permezz ta' gvernijiet Laburisti – ippermettuli nammetti. U hekk il-Partit Laburista kien fuq in-naha ta' fuq tal-mewga. Imbaghad il-poplu beda jidra jghix sewwa u haseb li huwa verament sinjur. Allura ried gvernijiet Nazzjonalisti li jghinuh jghix bla rimors u bla ebda ssikkar tac-cinturin halli jixxala fil-ghana tieghu. U hekk gara. Ghoxrin sena b'ghoxrin sena. U Gvern Laburista nizel taht il-mewga. U sfortunatament issa li l-poplu Malti dara fil-ghana jekk it-teorija tal-mewg tghodd – jinsab lest ghal waqgha kbira li se terga' titfa' lill-poplu Malti isfel, lill-Gvern Nazzjonalista isfel u lill-Partit Laburista fuq.

Hafna Laburisti jghidu li l-istorja dejjem hekk: "Gvern Laburista jgemma' l gvern Nazzjonalista jonfoq". Dawn ma jkunux hlief qeghdin jikkonfermaw dawn ic-cikli jew mewg li qieghda nitkellem dwarhom jien. U jkunu qeghdin jispjegaw fil-qosor dawn it-teoriji strambi tal-"mohh tas-socjetà" jew "l-arlogg il-kbir".

U flimkien ma' dawn it-teoriji li wasslu bhala rizultat ta' l-artikli ta' qabel, hemm diversi realtajiet ohra li jghinu lic-cittadini jghixu c-cikli politici.

L-ewwelnett il-fatt li l-poplu qatt m'hu se jammetti li qieghed taht fic-cikli li ggieghlu jahseb verament li mhux taht u hawnhekk qieghda naqbel ma' Edward Debono li jekk timmagina li int sinjur, jew li ghadek sinjur, tibda sincerament tahseb li int sinjur alavolja m'intix.

It-tieni – il-fanaticizmu politiku – li bniedem minhabba r-rabta politika tieghu ma' partit jipprova jiddefendih il-hin kollu u jaghmel hekk konxjenzjozament – liema fatt jghin ukoll lill-bniedem jigdeb lilu nnifsu.

It-tielet – l-"injoranza" tas-sitwazzjoni – jigifieri li mhux li naf izda ma nammettix, izda li ma nafx jew m'inix qieghda ninduna li s-sitwazzjoni tieghi qieghda tehzien.

Ir-raba' – is-sens ta' adattazzjoni tal-bniedem ghad-dinja ta' madwaru li jigih naturali – jigifieri li l-bniedem mall-ewwel jibda jidra s-sitwazzjoni li jinsab fiha. Jibda jidra jadatta ghaliha. Per ezempju li jekk qabel kont imdorrija mmur ghand il-gvern ghal bicca art, issa nibda nohodha *for granted* nixtri minghand il-privat minghajr ma nirrealizza li kieku hajti kienet tkun ferm iktar facli kieku l-gvern kien ghadu jqassam l-artijiet!

Il-hames – il-memorja qasira ta' bejn generazzjoni u ohra. Ninsabu f'socjetà fejn nies li jiftakru t-tallaba u n-nies bla zarbun u li jorqdu ma' l-annimali, qeghdin jghixu spalla ma' spalla ma' nies li twieldu u ghexu dejjem bit-*television* u l-*computer*. Il-generazzjonijiet iz-zghar jevitaw li jitkellmu fuq il-passat daqskemm xi kultant jevitaw il-generazzjonijiet ikbar u hemmhekk il-memorja ta' bejn x'konna u f'hiex qeghdin tiqsar hafna. Nibdew ninsew hafna – anzi, wisq.

Bhala rizultat ta' dan kollu allura – l-osservatur tal-hajja jindunali jaghmel x'jaghmel kull individwu fis-socjetà – inkluzi 'prim ministri' u persuni politici jridu jiehdu z-zmien taghhom. Il-bravura qieghda fil-fatt li tipprova tkisser dawn ic-cikli. B'li qieghda nghid qieghda nqawwi l-mertu ta' kull min rebah jew tilef elezzjoni però c-cirkustanzi li wiehed jghix u jissielet huma importanti daqs il-glieda nnifisha.

Fil-fatt anke l-Partit Laburista Ingliz kellu jghaddi minn zminijiet twal fl-oppozizzjoni qabel ma rega' tela' fil-gvern. Zgur li fil-kaz ta' Malta wkoll hekk se jigri. Il-poplu li tkabbar irid verament jerga' jibda jigi bzonn il-*welfare state* biex jibda jixtieq Gvern Laburista iehor.

Li hu nteressanti fl-istorja kollha hu però li allura Gvernijiet Laburisti jimxu fil-mewga 'l fuq u 'l isfel kontra l-poplu. Meta l-poplu qieghed in-naha ta' fuq tal-mewga, il-Partit Laburista qieghed isfel, mentri ovvjament il-Partit Nazzjonalista qieghed fuq. Meta l-poplu qieghed isfel tal-mewga, il-Partit Laburista jkun fuq u l-Partit Nazzjonalista isfel. Huwa l-Partit Laburista li jghin biex itella' l-

poplu 'l fuq fil-mewga, mentri malli l-poplu jkun fuq tal-mewga jitfa' lill-Partit Laburista 'l isfel. Il-Partit Nazzjonalista huwa l-partit li jghin lill-poplu jghix fil-ghana mentri l-Partit Laburista huwa l-partit li jghin lill-poplu jerga' jirkupra wara zmien ta' tberbiq, holm u nfieq.

M'hemm xejn hazin, b'dan kollu. Dan ifisser ukoll li Gvern u l-Oppozizzjoni jghinu kontinwament lil xulxin ghax il-Gvern Laburista jipprepara lill-poplu ghal legislaturi eventwali u n-Nazzjonalisti bil-kontra. U dan fl-isforz dejjemi li jirbhu huma.

Kif ghedt qabel, ikun ic-ciklu naturali politiku li jkun qed jiddetermina kollox u l-politici jkunu biss pupazzi li bhal kulhadd, sforz tas-suppervja jew l-"injoranza", ma jammettux dan u jippruvaw jiehdu l-mertu huma.

U b'teorija bhal din ukoll però, sfortunatament ghall-poplu Malti, ifisser li l-Partit Laburista ghandu futur!

lornav@onvol.net